# Network Dinji ta’ Talb mal-Papa

Adorazzjoni skont il-Fehma tal-Papa        Frar 2023




Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex il-parroċċi jikbru f’komunitajiet ta’ fidi u ta’ fraternita’ u li jagħrfu jilqgħu lil dawk l-aktar fil-bżonn.

**Qari**:
*Mill-Eżortazzjoni Appostolika ta’ Papa Franġisku* Evangelii Gaudium – *28*

Il-parroċċa mhix xi struttura b’jiemha magħduda; propju minħabba fil-flessibbiltà tagħha, tista’ tieħu suriet differenti ħafna minn xulxin li jitolbu l-ħlewwa u l-kreattività missjunarja tar-ragħaj u tal-komunità. Jekk ikollha l-ħila tirriforma ruħha u tadatta ruħha l-ħin kollu, tissokta tkun “il-Knisja li tgħammar f’nofs id-djar ta’ wliedha”. Dan jitlob minnha li tkun realment f’kuntatt mal-familji u mal-ħajja tal-poplu u ma ssirx struttura li tintilef f’ħafna diskors imma mbagħad hi maqtugħa min-nies, jew grupp ta’ magħżulin li moħħhom biss fihom infushom. Il-parroċċa hi l-preżenza tal-Knisja f’territorju, il-post fejn tinstema’ l-Kelma, fejn tikber il-ħajja Nisranija, fejn isiru d-djalogu, it-tħabbira, l-imħabba ġeneruża, l-adorazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni. Permezz tal-attivitajiet kollha tagħha, il-parroċċa tagħmel il-qalb u tifforma lill-membri tagħha biex isiru aġenti tal-evanġelizzazzjoni. Hi komunità ta’ komunitajiet, santwarju fejn dawk li huma bil-għatx jersqu jixorbu biex jissoktaw jimxu, u ċentru ta’ mandat missjunarju kontinwu.

*Kull min jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla,*
*Alla jgħammar fih u hu f'Alla. U aħna għarafna l-imħabba*
*li Alla għandu għalina u emminnieha*. (1Ġw:4:15-16)
Mulej, nirringrazzjawk talli tajtna d-don tal-fidi,
talli għoġbok tiġi tgħammar ġewwa fina
u talli nagħmlu parti mill-Knisja tiegħek.
Nirringrazzjawk Mulej talli għallimtna
li għandna ngħixu f’komunità li tilqa’ u tgħin lil kulħadd.

Aħna ngħixu fil-qalba tal-parroċċa tagħna,
fejn kull jum niltaqgħu ma' min għandu xi problema,
ma' min isibha diffiċli biex ilaħħaq mal-ħajja ta' kuljum,
ma' min iħossu waħdu u bla saħħa,
ma' min iħossu mwarrab mis-soċjetà,
ma' min tilef lil xi ħadd għażiż għalih.
Agħmel, Mulej, li l-Ispirtu tiegħek
idawwal kull pass tagħna f'din it triq.
Ħeġġiġna, nitolbuk, sabiex "nilbsu lil Kristu"
u nsiru xhieda ħajja tiegħu, filwaqt li nħarsu bil-ħlewwa
bħalma għamel il-Mulej Ġesù
ma' dawk kollha li kien jiltaqa' magħhom.
Fuq kollox, nitolbuk sabiex tgħin lill-parroċċi kollha
jagħrfu jaqraw is-sinjali taż-żminijiet,
filwaqt li jaddattaw sew
għall-bżonnijiet tan-nies kif ukoll taż-żminijiet.
Agħmel, Mulej, li aħna nkunu kapaċi
nġeddu l-fiduċja tagħna fil-qawwa tas-Salib u
fil-messaġġ tiegħu ta' maħfra,
rikonċiljazzjoni u twelid ġdid.
Agħti d-dehen Mulej, nitolbuk,
sabiex kif qal il-Papa,
il-parroċċa tkun mezz li titfa' r-raġġi tal-fidi
u b'hekk tirrispondi għax-xewqat l-aktar profondi u veri
tal-qalb tal-bniedem, u tagħti tifsira u tama
lill-ħajja tal-individwi u l-familji.
Flimkien mal-Papa Franġisku nitolbu
biex il-parroċċi jikbru f'komunitajiet ta' fidi u ta' fraternita'
u li jagħrfu jilqgħu lil dawk l-aktar fil-bżonn.

**KANT**

**Qari:**

*Mill-Eżortazzjoni Appostolika ta' Papa Franġisku* Evangelii Gaudium – *24*

Il-komunità li tevanġelizza tagħraf li l-Mulej hu dak li ħa l-inizjattiva, hu mexa qabilha fl-imħabba (ara 1 Ġw 4:10), u għalhekk hi taf tmidd l-ewwel pass, taf tieħu l-inizjattiva bla ma tibża', toħroġ tiltaqa' mal-oħrajn, tfittex lil min hu mbiegħed u tasal sa salib it-toroq biex tistieden lill-imwarrbin. Tgħix bix-xewqa infinita li toffri ħniena, u dan ġej mill-fatt li hi stess daqet mill-ħniena infinita tal-Missier u l-qawwa tiegħu bla tarf. Ejjew nindenjaw nieħdu ftit iżjed inizjattiva! B'konsegwenza ta' dan, il-Knisja taf "tinvolvi" ruħha. Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu hu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu, jinżel għarkupptejh quddiem l-oħrajn biex jaħslilhom riġlejhom. Imma dritt wara, hu jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:17). Il-komunità li tevanġelizza b'għemejjel u ġesti, tidħol fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn, tqassar id-distanzi, titbaxxa sal-punt tal-umiljazzjoni jekk hemm bżonn, u tħaddan il-ħajja umana, tkun qed tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu.

Mulej, għinna sabiex nifhmu li ma nistgħux
nissejħu nsara, jekk ma noħorġux mill-kumdità tagħna
u mmorru nfittxu lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna.
Għinna nifhmu li l-parroċċa tagħna għandha tkun mera ċara
ta' kif aħna ngħixu s-sejħa tagħna ta' ħajja Nisranija.
Għalhekk, Mulej, agħtina d-dehen u l-kuraġġ
biex nagħrfu li kull wieħed u waħda minna,
imsejħin biex inkunu xhieda
tal-imħabba ta' Kristu f'kull ħin u f'kull post.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex taħfrilna
ta' kemm-il darba ma rajniekx f'ħuna li qed ibati,
ta' kemm-il darba dawwarna wiċċna biex taparsi ma rajna xejn.
Aħfrilna wkoll, nitolbuk, ta' kemm il-darba
ma middejniex idejna biex ngħinu lil ħuna li kien fil-bżonn;
aħfrilna ta' kemm-il darba nagħlqu għajnejna
quddiem l-inġustizzji li ħutna jkunu qed ibatu.

Agħmel Mulej li, kif qal il-Papa Franġisku,
aħna nkunu *"evanġelizzaturi"* li għandhom *ir-"riħa tan-nagħaġ",*
sabiex inressqu lejk lil dawk li għadhom ma għarfukx,
u li għandhom bżonn il-ħniena u l-imħabba tiegħek.
Għinna, Mulej, sabiex ma nibżgħux "*nieħdu l-inizjattiva,*
*ninvolvu ruħna, nissieħbu, nagħmlu l-frott u niffesteġġjaw."*
Mulej, xi kultant nibżgħu nagħmlu xi ħaġa ġdida,
jew nibżgħu li jekk ninvolvu ruħna,
ma jibqax ħin għalina jew li ma niġux apprezzati.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-kuraġġ biex nagħrfu
"*li l-Ispirtu s-Santu huwa dik il-qawwa moħbija f'qalbna*
*li tgħaqqadna flimkien u tagħmlilna kuraġġ biex*
*nibqgħu mixjin fl-isfidi kollha, anke jekk fid-dlam,*
*sabiex infejqu u nqawwu lil xulxin*
*u lil dawk fdati f'idejna f'din l-art tagħna."*
Mulej, agħtina d-dehen, nitolbuk, sabiex nagħrfu
dak li l-Papa Franġisku ilu jħeġġiġna għalih.
Għinna ħalli ma nibżgħux niġġeddu bħala parroċċa,
biex inkunu eqreb lejn in-nies, u l-parroċċa
tkun post ta' komunjoni ħajja u ta' parteċipazzjoni.
Agħmel, Mulej, li aħna norjentaw ruħna għal kollox
lejn il-missjoni li fdalna sidna Ġesù Kristu.
Nitolbuk, Mulej, sabiex timliena bid-dehen
ħalli nħallu lill-Ispirtu s-Santu jmexxina f'dan il-proċess ta' tiġdid,
u fit-triq li ħafna drabi taf tidher twila u mimlija tiġrib.
Agħmel, Mulej, li l-parroċċa tagħna tkun ambjent
fejn tinħass il-preżenza tiegħek u fejn nisimgħu l-kelma tiegħek,
biex b'hekk nissaħħu fil-ħajja Nisranija.

## KANT

**Nitolbu flimkien**

*Kull Nisrani u kull komunità trid tiddixxerni dwar liema hi l-mixja li l-Mulej qed jitlob minnha.* Nitolbuk Mulej tgħinna nifhmu li aħna lkoll imsejħin biex nilqgħu din is-sejħa. Għinna biex noħorġu mill-kumditajiet tagħna u jkollna l-kuraġġ li nilħqu l-periferiji kollha li għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu.

Nitobu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina l-għajnuna tiegħek biex inkunu aktar sensittivi għad-diffikultajiet u l-bżonnijiet ta' dawk li niltaqgħu magħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tibgħat l-Ispirtu tiegħek fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna, biex ikollna l-kuraġġ li noħorġu niltaqgħu mal-oħrajn, u mmorru nfittxu lil min hu mbiegħed, ħalli nkunu għas-servizz tagħhom u ngħinuhom iduqu l-faraġ u s-serħan tal-imħabba tiegħek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-grazzja li nkunu kapaċi niftħu l-bibien ta' qalbna għal kulħadd u li ma niġġudikaw lil ħadd. Urina kif nilħqu lil dawk li l-aktar għandhom bżonn tal-imħabba u l-ħniena tiegħek.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek Mulej ħalli jgħinna naraw x'jista' jsir fil-komunità parrokjali tagħna. Għinna ħalli nkunu kapaċi ngħinu biex in-nies iħossuhom milqugħin fil-parroċċa tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej biex tagħtina l-għajnuna ħalli nkunu dejjem lesti għad-djalogu, biex inkunu kapaċi naraw il-bżonnijiet ta' ħutna u biex ma nibżgħux inkunu xhieda tiegħek permezz ta' ħajjitna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.